# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 9 ta' Lulju tas-sena 2002.**

**Numru 41**

**Avviz numru 1002/01/SM**

**GasanMamo Insurance Agency Limited bhala agent u mandatarja tas-socjeta' estera CGU Insurance plc ta' Perth Scotland u din kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Dominic Formosa ezercenti l-kummerc taht l-isem House and Garden.**

**vs**

**M.D. Trucking Limited.**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat id-19 ta' Dicembru tas-sena 2001 li permezz tieghu s-socjeta' attrici nomine sejhet lis-socjeta' konvenuta quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m'ghandiex tkun ikkundannata:**

**1. Thallas is-somma ta' elfejn mija u ghoxrin lira Maltin (Lm2,120) rapprezentanti hsarat u nuqqasijiet minn konsenja ta' metal items, outerware u glassware li kellhom jaslu Malta fid-9 ta' Jannar 2001 ghal liema hsarat u nuqqasijiet hu unikament responsabbli stante li ma segwiex l-inkarigu lilu moghti bhala trasportatur tal-konsenja mill-Italja ghall-Malta;**

**2. Bl-ispejjez u bl-interessi mid-data tal-prezentata tal-avviz kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata t-30 ta' Jannar tas-sena 2002 li permezz taghha s-socjeta' konvenuta eccepiet is-segwenti:**

**1. Illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt;**

**2. Illi ma kien bl-ebda mod negligenti anzi kien diligenti fl-inadempjament tal-inkarigu lilu mghoti;**

**3. Bla pregudizzju ghall-premess, l-inkarigu moghti lill-esponenti kien jaqa' taht ir-Regolamenti tas-CMR Convention u kwindi jekk kemm il-darba l-konvenut jinstab hati ghad-danni l-ammont huwa limitat skond Artikolu 23 tal-istess Regolamenti;**

**4. Illi in oltre it-trailer kien ipparkjat f'Service Station ghall-mistrieh legalment imponut mill-ligi tas-sewqan internazzjonali u kwindi l-allegat serq sar minghajr ebda kontroll u cirkostanzi li l-konvenuti setghu kienu responsabbli kif imsemmija fl-Artikolu 17.2 tas-CMR Convention;**

**5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Innotat li fl-udjenza rizervata ghall-provi ta-socjeta' konvenuta din ghazlet li ma tressaq l-ebda provi;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-proceduri odjerni jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

1. **Illi l-assigurat tas-socjeta' attrici nomine kien ordna konsenja hwejjeg minn Napli flimkien ma' konsenja metall dekorattiv mill-istess post u inkariga lis-socjeta' konvenuta biex tigbor iz-zewg konsenji separatament u tnizzilhom Malta;**

2. **Illi jirrizulta li x-xoghol fuq indikat kien ingabar;**

3. **Illi permezz ta' telefonata l-assigurat fuq riferit kien informat li l-hwejjeg migubura kienu insterqu kollha u min tlett 'pallets' tal-metal dekorattiv kien fadal 'pallet' wahda biss;**

4. **Illi din il-'pallet' u xi xoghol iehor indirizzat ghall-istess assigurat wasal fid-destinazzjoni izda l-merkanzija fuq riferit le;**

5. **Illi konsegwentement giet infurmata s-socjeta' assigurattrici attrici nomine li investigat l-akkadut;**

6. **Illi rizultat ta' dan l-istess socjeta' attrici nomine ghamlet tajjeb ghall-merkanzija misruqa proprejta' ta' l-assigurat taghha u hallset l-ammont ta' elfejn, mija u ghoxrin Lira Maltin, (Lm2,120.00,0), lill-istess assigurat;**

7. **Illi in konsegwenza ta' dan giet debitament assigurata fid-drittijiet ta' l-istess assigurat u ghalhekk qed tipprocedi b'din il-procedura;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi din il-qorti hi sodisfatta li t-talbiet attrici huma regolarment ipprovati u konsegwentement, filwaqt li tirrespingi**

**l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta, tilqa' t-talbiet attrici nomine u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta M.D. Trucking Limited biex thallas l-ammont ta' elfejn, mija u ghoxrin Lira Maltin, (LM2,120.00,0), lis-socjeta' attrici nomine GasanMamo Insurance Agency Limited, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mid-data tal-prezentata ta' l-avviz li ta' origini ghal din il-procedura.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**